

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-6/13)**

(2013/C 108/91)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni li jiġi applikat il-koeffiċjent korrettiv għall-belt ta' Varese skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010, għar-remunerazzjoni tar-rikorrent tax-xahar ta' April 2012 u tax-xhur sussegwenti.

Talbiet tar-rikorrent

— jiddikjara illegali l-Artikolu 1 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal u l-manwal tal-metodoloġija msemmi fl-Anness I tar-Regolament Nru 1445/2007, tal-11 ta' Diċembru 2007;

— jiddikjara illegali l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010, li jiffissa l-koeffiċjent korrettiv għall-kalkolu tar-remunerazzjoni tal-membri tal-persunal assenjati f'Varese għal 92,3;

— jannulla d-deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrent abbażi tal-koeffiċjent korrettiv għall-belt ta' Varese msemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010, applikabbli mill-1 ta' Lulju 2010;

— jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tal-5 ta' Ottubru 2012, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent dwar il-koeffiċjent korrettiv applikat għal Varese;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2013 — ZZ vs Il-Parlament**(Kawża F-8/13)**

(2013/C 108/92)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett**

L-annulament tad-deċiżjoni ta' nuqqas ta' konfermazzjoni tar-rikorrent fil-funzjonijiet tiegħu ta' kap ta' unità u tat-trasferiment tiegħu lejn id-Direttorat Ġenerali għall-politiki interni.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni ta' nuqqas ta' konfermazzjoni tar-rikorrent fil-funzjonijiet tiegħu ta' kap ta' unità u tat-trasferiment bl-impjeg tiegħu lejn id-Direttorat Ġenerali għall-politiki interni tat-23 ta' Marzu 2012;

— sa fejn ikun neċessarju, jannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Bureau tal-Parlament Ewropew, tal-15 ta' Ottubru 2012, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tat-22 ta' Ġunju 2012;

— jordna l-ħlas ta' kumpens għad-danni finanzjarji u morali subiti mir-rikorrent b'riżultat ta' dawk id-deċiżjonijiet;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni Ewropea**(Kawża F-10/13)**

(2013/C 108/93)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis u D. Abreu Caldas, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

L-annulament tad-deċiżjoni li tiċħad talba għall-kumpens għad-dannu mressqa mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 90(1), tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba żbalji mwettqa matul l-iffissar tad-drittijiet tiegħu fid-dħul fis-servizz tiegħu u għad-dewmien li sar sabiex jiġu kkoreġuti l-iżbalji.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-28 ta' Marzu 2012 ikkontestata mill-Awtorità tal-Ħatra għat-talba għal kumpens tat-13 ta' Jannar 2012 tar-rikorrent;

— jikkundanna lill-Kummissjoni biex tikkumpensa lir-rikorrent bl-ammont ta' EUR 172 236,42;

- sussidjarjament, tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa lir-rikorrent bl-ammont tas-somma indebitament imħallsa, bis-seħħ mill-jum ta' meta ġiet skoperta iżda mhux ikkoreġuta l-irregolarità jew, fi kwalunkwe każ, mill-inqas bl-ammont ta' somma indebitament imħallsa mix-xaħar ta' Novembru 2010, data tal-korrezzjoni tal-fattur multiplikatur tiegħu biss;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-12/13)

(2013/C 108/94)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: C. Bernard-Glanz)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew li tiċħad l-allegazzjoni ta' fastidju tar-rikorrenti.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2012, li tiċħad l-ilment lill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fastidju u l-Prevenzjoni tiegħu fil-post tax-xogħol u kkonkludiet li ma kenitx mogħtija fastidju mill-ex kap tal-unità tagħha;
- jannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2012, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti ippreżentat fis-6 ta' Awwissu 2012 skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea;
- jikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-14/13)

(2013/C 108/95)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: S. Sagias, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AST/117/11 li r-rikorrent ma jitħallix jagħmel l-eżamijiet ta' evalwazzjoni tal-imsemmija kompetizzjoni minħabba n-nuqqas tal-esperjenzi professjonali meħtieġa.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AST/117/11 li r-rikorrent ma jitħallix jagħmel l-eżamijiet ta' evalwazzjoni tal-kompetizzjoni, liema deċiżjoni ġiet ikkomunikata lilu permezz ta' ittra tat-18 ta' April 2012 u ġiet sussegwentement ikkonfermata, liema konferma ġiet ikkomunikata lilu permezz ta' ittra tal-24 ta' Mejju 2012;
- jannulla d-deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2012, li tiċħad l-ilment imressaq kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla msemmi iktar 'il fuq;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-10 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-16/13)

(2013/C 108/96)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: N. Lhoest, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-ISKAM sa fejn din tikkonferma l-formulazzjoni tal-abbozz tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal rikonoxximent li l-marda li wasslet għall-mewt ta' mart ir-rikorrent, ex uffiċjal, kienet ikkaġunata mix-xogħol.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard tat-23 ta' Marzu 2012, sa fejn din tikkonferma l-formulazzjoni tal-abbozz tad-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju 1995;
- sa fejn huwa meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Ottubru 2012, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent fid-6 ta' Lulju 2011 abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.